# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 281/2020/1**
**Appell Numru 282/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Vincent Schembri**
**Giuseppi Schembri**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Vincent Schembri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 270748(M), u **Giuseppi Schembri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 196382(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-15 ta' Mejju 2018 u fil-ġranet u xhur ta' qabel din id-data, ġewwa Qrendi Farmhouse, Triq Lapsi, Siġġiewi u f'dawn il-Gżejjer:

1. ma identifikawx u ma rreġistrawx annimali kif ukoll ma iddikjarawx iċ-ċaqliq ta' annimali li kienu taħt ir-responsabilita' tagħhom u dan bi ksur ta' Artikolu 35(1)(ċ)(iii) tal-Kapitolu 437 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. l-annimali għandhom ikunu evitati minn kull eċitament, uġiegh jew tbatija li jistgħu jiġu evitati matul il-moviment, tqegħid f'post ta' kenn, żamma b'forza, sturdament, tbiċċir jew qatla u dan bi ksur ta' Artikolu [recte: Regolament] 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. ħlief f'każ ta' emerġenza li viżibilment tfisser tbatija żejda u li tista' twassal għall-mewt, veterinarju biss jew persuna oħra kompetenti kif speċifikat f'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att tista' toqtol annimal ta' razza domestikata jew li tappartjeni għal razza selvaġġa iżda li tkun ġiet domestikata, minbarra annimali miżmuma għall-produzzjoni tal-ikel u dan bi ksur ta' Artikolu 13(1) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fejn ikun meħtieġ li annimal jiġi maqtul, dan għandu jsir b'mod li jkun hemm l-inqas tbatija fiżika u mentali għall-annimal kif ikun xieraq fiċ-ċirkostanzi u dan bi ksur ta' Artikolu 13(2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. ħlief f'każ ta' emerġenza, il-metodu tal-qtil ta' annimali għandu jkun jew li jikkawża telf tas-sensi u mewt immedjatament jew li jibda b'injezzjoni ta' anestesija ġenerali u profonda lill-annimal segwita b'dak il-pass li finalment jikkawża l-mewt u dan bi ksur ta' Artikolu 13(3)(a) u (b) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'kaz ta' ħtija, flimkien mal-pieni, tordna li jitħallsu l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni u/jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attivita' regolata taħt l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u għal spejjeż oħra

raġonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq hekk kif stipulat f'Artikolu 45(3) ta' Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Diċembru 2020, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kapitolu 437 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 13(1), 13(2), 13(3)(a), 13(3)(b) u 45(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħhom u filwaqt li kkundannathom kull wieħed sentejn priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal erba' (4) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza, ikkundannathom ukoll multa kull wieħed minnhom ta' tletin elf Euro (€30,000) pagabbli fi żmien massimu ta' tliet snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. Il-Qorti spjegat lill-ħatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat ieħor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza. Il-Qorti ordnat li l-annimali kollha li jissemmew fir-rapport tas-Servizzi Veterinarji u li dwarhom ġew indikati illegalitajiet li tagħhom ġew misjuba ħatja l-imputati jgħaddu immedjatament taħt il-kustodja tal-istess Dipartiment liema Dipartiment ġie awtorizzat, f'każ li jiġi deċiż minnu li tali annimali ma setgħux jinżammu minnu, li permezz ta' talba magħmula appożitament jitlob lill-Qorti tawtorizzah sabiex l-annimali kkonċernati jew xi wieħed minnhom jgħaddu fl-affidament ta' terzi. Wara li rat Regolament 16(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat ir-revoka ta' kwalunkwe permess maħruġ taħt ir-Regolamenti u l-konfiska, żamma u tneħħija tal-*corpus delicti*. Fil-konfront ta' l-ispejjeż magħmula mid-Dipartiment għas-Servizzi Veterinarji bħala riżultat tar-reat, il-Qorti ġiet prekluża milli tapplika d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 45(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' Regolament 16(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Liġijiet ta' Malta peress li tali spejjeż baqgħu ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament mid-dipartiment ikkonċernat u lanqas ma ġew ikkwantifikati fl-intier tagħhom.

Rat ir-Rikors tal-appellant Vincent Schembri (*a fol.* 173 *et seq.*) ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2020 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TĦASSAR U TIRREVOKA*** *dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom; u fin-nuqqas ta' dan* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat ir-Rikors tal-appellant Giuseppi Schembri (*a fol.* 200 *et seq.*) ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2020 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TĦASSAR U TIRREVOKA*** *dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom; u fin-nuqqas ta' dan* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dawn iż-żewġ appelli ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta

b'dan illi fis-seduta msemmija l-konsulent legali tal-appellanti għamlet sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar żewġ appelli (wieħed ta' Vincent Schembri u ieħor ta' Giuseppi Schembri) in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-1 ta' Diċembru 2020.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw każ li jmur lura għas-sena 2018 meta uffiċjali tad-Dipartiment tas-Saħħa Veterinarja għamlu spezzjoni f'razzett tal-annimali u sabu li kien hemm diversi ksur ta' regolamenti fuq iż-żamma ta' l-annimali.

Illi fi ftit kliem mill-provi jirriżulta li meta saret l-ispezzjoni fil-15 ta' Mejju 2018 r-razzett in kwistjoni kien irreġistrat f'isem Joseph [Giuseppi] Schembri. L-appellant Vincent Schembri (li fis-sena 2018 kellu sebgħin (70) sena) dawwar kollox f'isem ibnu l-appellant l-ieħor Giuseppi Schembri meta l-istess Vincent Schembri leħaq l-eta' tal-irtirar. Il-veterinarju Dr. Sergio Fiore u n-nies tiegħu raw kemm kien hemm annimali biex iqabbluhom mas-sistema tar-reġistrazzjoni tad-dipartiment. Suppost li kien hemm tliet mija u għaxar (310) annimal – *bovine*, *caprine* u *ovine* – kollox magħdud b'dan illi mija u tlieta (103) kienu neqsin waqt li kien hemm sebgħa u għoxrin (27) bejn nagħaġ u mogħoż li mhux suppost kienu hemm. Kien hemm ukoll għadd ta' annimali biċ-ċomba tal-widnejn li tindika li mhux reġistrati fuq ir-razzett ta' Giuseppi Schembri. F'kamra minnhom kien hemm imsaren, ġlud u widnejn ta' annimali maqtulin friski. Kienu jidhru wkoll xi ganċijiet. Dan jirriżulta kemm mix-xiehda ta' Joseph Zammit (*Principal* fl-*Enforcement Unit* tas-Servizzi Veterinarji) kif ukoll minn dawk ta' Ruben Montebello (eks *Principal Veterinary Support Officer* mas-Servizzi Veterinarji), Dr. Jurgen Galea u PS 1030 Clint Theuma.

Illi għal kull buon fini jingħad li mir-rapport (Dok. "JZ 1" – *a fol.* 29 *et seq.*) ippreżentat minn Joseph Zammit jirriżulta hekk:

> *"On entering the room, there were clear signs of recent slaughter because in a corner we found a small heap of sheep skins, intestines and other eviscera. Mr. Vince Schembri immediately admitted that he had slaughtered some animals the day before, 5 or 6 in number, and when asked about the meat of those animals he told us "it is gone"."*

Illi għal kull buon fini din il-Qorti tinnota li fuq talba tad-difiża, quddiem din il-Qorti diversament preseduta xehed Mario Pace (uffiċjal fid-Dipartiment tal-Veterinarji – *a fol.* 263 *et seq.*) fejn qal li kienu għamlu viżiti fl-aħħar snin (minn Diċembru 2020 u wara li ngħatat is-sentenza) u jgħid li ma kellhomx *issues* mal-appellant Giuseppi Schembri li huwa l-persuna rreġistrata. Jgħid li l-*issues* ta' qabel kienu l-qtil illegali ta' annimali kif ukoll annimali li ma setgħux isibu. Jgħid li wara Diċembru 2020 ma sabux dawn in-nuqqasijiet.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti hija tal-fehma li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

Illi fir-Rikorsi tal-appell tagħhom l-appellanti jressqu numru ta' aggravji b'dan illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li ġie sollevat mill-konsulent legali tal-appellanti meta nstemgħu s-sottomissjonijiet finali quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi waqt is-smiegħ tas-sottomissjonijiet finali quddiem din il-Qorti diversament preseduta, wieħed mill-konsulenti legali tal-appellanti ssottometta li kien hemm difett fl-atti proċesswali minħabba li l-Ewwel Qorti kienet tat digriet tal-*prima facie* (*a fol.* 60) u dana minkejja li kien hemm il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja (*a fol.* 19). Jisħaq li l-Avukat Ġenerali kien ġibed l-attenzjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar dan u bagħat lura l-atti proċesswali u l-Ewwel Qorti mbagħad irrevokat id-digriet tal-*prima facie* u sar l-eżami tal-appellanti allura imputati hekk kif rikjest mil-liġi. Jargumenta li isem il-Qorti fil-verbal tas-seduta ta' meta sar dan kollu huwa ndikat bħala "Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja" (*a fol.* 65).

Illi minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

---

ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

- il-kunsens tal-Avukat Ġenerali (*a fol.* 19) iġib id-data tal-11 ta' Ġunju 2019;

- l-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti nżammet fid-19 ta' Settembru 2019 (*a fol.* 21);

- l-Ewwel Qorti tat digriet tal-*prima facie* (*a fol.* 60) dakinhar tad-19 ta' Settembru 2019 wara li nstemgħu xi xhieda (*a fol.* 25 *et seq.*);

- permezz ta' Nota (*a fol.* 61) ippreżentata fit-3 ta' Ottubru 2019 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-Avukat Ġenerali nforma lill-Ewwel Qorti li hu kien diġa ta l-kunsens tiegħu sabiex il-proċeduri jinstemgħu bi proċedura sommarja;

- fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-30 ta' Ottubru 2019 (*a fol.* 65 *et seq.*), il-Qorti msemmija rrevokat id-digriet tal-*prima facie* li kienet tat fid-19 ta' Settembru 2019, f'liema seduta ta' Ottubru 2019 il-kawża reġgħet bdiet mill-bidu b'dan illi l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellanti allura imputati, sar l-eżami tagħhom mill-ġdid u wara li huma wieġbu li ma kienux ħatja tal-imputazzjonijiet, il-partijiet eżentaw lill-Ewwel Qorti milli terġa' tisma x-xhieda kollha li kienu diġa' nstemgħu;

- fis-seduta msemmija fil-paragrafu preċeduri u ċioè dik miżmuma fit-30 ta' Ottubru 2019, il-Prosekuzzjoni ddikjarat il-provi tagħha bħala magħluqa u l-kawża ġiet mħollija għall-provi tad-difiża.

Illi filwaqt li huwa minnu li l-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jinstema' bi proċedura sommarja kien diġa' jifforma parti mill-atti proċesswali meta l-Ewwel Qorti tat id-digriet tal-*prima facie*, pero' mill-atti proċesswali jirriżulta li l-Ewwel Qorti ħadet dawk il-passi kollha li kienu meħtieġa biex tissana l-proċedura.

Dan kien il-mezz legali li setgħet tadotta billi terġa' tibda l-proċedura mill-ġdid. Jirriżulta li fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2019 l-Ewwel Qorti għamlet dak li kellha tagħmel sabiex kollox isir skont il-liġi.

Illi dwar il-fatt li l-verbal tas-seduta miżmuma fit-30 ta' Ottubru 2019 (u ċioè dakinhar li l-Ewwel Qorti rrevokat id-digriet tal-*prima facie* u l-proċeduri kontra l-appellanti allura imputati reġa' bdew mill-ġdid) iġib l-isem tal-Qorti bħala "Qorti Istruttorja", din il-Qorti tinnota li ma tqies xejn irregolari dwar dan u dan peress li hekk kif bdiet il-kawża dakinhar tat-30 ta' Ottubru 2019 il-Qorti kienet għadha effettivament waħda "Istruttorja" u kien biss wara li l-imputazzjonijiet ġew moqrija bil-ġurament u sar l-eżami tal-appellanti allura imputati, fejn għad-domanda jekk huma kellhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u huma wieġbu fl-affermattiv, li l-Ewwel Qorti saret waħda ta' Ġudikatura. In fatti l-verbali tas-seduti ta' wara huma kollha intestati hekk: "Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali". Għaldaqstant, din il-Qorti tqies li ma hemm ebda difett fl-atti proċesswali.

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant Vincent Schembri u mill-appellant Giuseppi Schembri separatament b'dan illi l-Qorti ser tibda l-ewwel bl-aggravji mressqa mill-appellant Vincent Schembri.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Tal-Appellant Vincent Schembri (*a fol.* 173 *et seq.*)**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant Vincent Schembri jagħti sommarju ta' dak li qalu x-xhieda mressqa u jissottometti li hu ma' għandu jipprova xejn imma xorta għażel li jixhed u ressaq xhieda li kkorroborawh. Jisħaq li l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-Prosekuzzjoni. Jagħmel riferenza għal ġurisprudenza. Jgħid x'għandu jagħmel Ġudikant meta għandu xhieda kunfliġġenti u li

l-Qorti trid tara liema xhieda huma kredibbli u f'każ li tqis il-provi indizzjarji, dawn iridu jkunu univoċi. Jinsisti fuq il-prinċipju li persuna akkużata hija preżunta innoċenti sakemm tkun instabet ħatja u li persuna akkużata ma hija marbuta li tipprova xejn. Jissottometti li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tqabbel il-verżjonijiet tal-imputati f'daqqa u jirreferi għal ġurisprudenza. Jgħid li dak li ntqal mill-ko-akkużat l-ieħor ma jistax ikun ikkunsidrat bħala prova fil-konfront tiegħu. Huwa jirreferi għall-ħames drittijiet tal-annimali kif ġew ikkonfermati mill-Qrati Maltin. Jallega li kollox kien imsejjes fuq dak li qal hu lill-Uffiċjali tal-*Enforcement Unit* tas-Servizzi Veterinarji u li ħadd ma qal lill-imputati li kellhom id-dritt ikellmu avukat. Jisħaq li dan imur kontra Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Jgħid li dak kollu li qal hu lill-Uffiċjali tas-Servizzi Veterinarji għandu jkun skartat.

Illi dwar dak imsemmi hawn fuq din il-Qorti tibda billi tirrimarka li minkejja li l-appellant Vincent Schembri jgħid li xehed u li ressaq xhieda li kkorroboraw il-verżjoni tiegħu, dan ma jirriżultax la mill-atti proċesswali, la mis-sommarju tax-xhieda li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas mis-sommarju tax-xhieda magħmula mill-appellant stess.

Illi dwar ix-xiehda ta' ko-akkużati fil-konfront ta' xulxin, din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 661 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Quddiem l-Ewwel Qorti ħadd mill-imputati ma xehed. Ma hemmx dubju dwar dak li jiddisponi Artikolu 661 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak li jingħad fi stqarrija għandu jgħodd biss għal min jagħmilha u mhux għal terzi persuni. Ta' min jinnota li fis-sentenza appellata (*a fol.* 161 u 162) hemm riferenza għal dak li qal Joseph Zammit u għal dak li qal Vincent Schembri b'dan illi s-sentenza appellata primarjament tistrieħ fuq dak li xehdu l-uffiċjali dwar x'raw b'għajnejhom u mbagħad x'inkiteb fir-rapport.

Illi minkejja li l-appellant jagħmel sottomissjonijiet dwar id-drittijiet tal-annimali pero' fl-aħħar mill-aħħar wieħed irid

jeżamina x'jirriżulta li ġara f'dan il-każ u mhux f'każijiet meqjusa f'sentenzi oħra.

Illi dwar is-sottomissjonijiet tal-appellant li jirrigwardaw in-nuqqas ta' assistenza legali, din il-Qorti tagħmilha ċara li hija m'għandhiex kompetenza kostituzzjonali u allura ma tistax tiddeċiedi allegazzjonijiet dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Apparti minn dan, mill-provi jirriżulta li l-ebda wieħed mill-appellanti ma kien taħt arrest imma kienu preżenti waqt spezzjoni li saret mill-uffiċjali tad-dipartiment biex jaraw jekk dak li kienu rċevew f'ittra anonima kienx minnu jew le. Iż-żewġ Pulizija li kien hemm kienu biss biex iżommu l-bon-ordni jekk jinqala' xi nkwiet. Fl-ebda mument ma ndaħlu għaliex l-uffiċjali dipartimentali anzi tkellmu dwar il-kollaborazzjoni li kien hemm minn naħa taż-żewġ appellanti. Il-Pulizija f'ebda ħin ma ntervjeniet biex tarresta jew tinterroga lil xi wieħed mill-appellanti.

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant Vincent Schembri huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u tal-liġi dwar l-ewwel (1) imputazzjoni. Jisħaq li għandu jkun skartat dak kollu li qal hu kif ukoll għandu jitqies li l-fond in kwistjoni mhux reġistrat fuqu.

Illi din il-Qorti tinnota li l-ewwel (1) imputazzjoni temani minn Artikolu 35(1)(ċ)(iii) tal-Kapitolu 437 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan din il-Qorti tinnota li mix-xiehda tal-uffiċjali tad-dipartiment jirriżulta li meta marru fuq il-post, ir-razzett kien irreġistrat f'isem l-appellant l-ieħor Joseph [Giuseppi] Schembri – jiġifieri f'isem it-tifel. Vincent Schembri kien fiżikament ukoll fuq il-post iżda l-bniedem responsabbli għal dak li jseħħ fuq il-post huwa Giuseppi Schembri għaliex id-dipartiment jaf lilu. Għalhekk l-appellant Vincent Schembri ma kienx tenut li jidentifika jew jirreġistra xi annimali. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju jistħoqq li jiġi milqugħ u għaldaqstant l-appellant Vincent Schembri ser ikun liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni addebitata kontra tiegħu.

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant Vincent Schembri huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u tal-liġi dwar l-imputazzjonijiet l-oħra. Jisħaq li m'hemmx prova li hu kkawża l-uġiegħ jew li l-annimali sofrew xi uġiegħ jew tbatija jew li hu kellu kontroll jew detenzjoni tal-post jew li l-qtil sar minnu jew li l-qtil tal-annimali sar b'mod illegali.

Illi minkejja li fl-aggravju in eżami l-appellant jissottometti li hemm nuqqas ta' provi dwar l-erba' imputazzjonijiet l-oħra, pero' din il-Qorti tinnota li fl-atti proċesswali hemm mhux biss ir-ritratti imma wkoll ix-xiehda ta' Joseph Zammit (*Principal* fl-*Enforcement Unit* tas-Servizzi Veterinarji) li qal hekk (*a fol.* 27):

> "F'kamra minnhom partikolari sibna ammont ta' ġlud ta' annimali mejtin friski, li jindika li veru kien hemm qtil illegali ta' annimali."

Illi meta Joseph Zammit ġie mistoqsi x'ra, huwa wieġeb hekk (*a fol.* 27):

> "Ġlud ta' annimali, widnejn, imsaren, ganċijiet, hemm ir-ritratti."

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- dakinhar li saret l-ispezzjoni, l-appellant Vincent Schembri kien fiżikament preżenti fuq il-post;

- l-uffiċjali tad-dipartiment kienu spjegaw lilu u lil ibnu għala l-uffiċjali kienu marru fuq il-post;

- ma kien hemm ebda interrogazzjoni mill-Pulizija;

- l-appellant Vincent Schembri stess ħa r-responsabilita' ta' xi qtil u din ir-responsabilita' ħadha minn jeddu u dwar il-laħam huwa qal li dan kien telaq;

- l-appellant ma kienx taħt arrest u lanqas ma kien taħt xi pressjoni.

Illi apparti dak li ġie elenkat hawn fuq, din il-Qorti tinnota wkoll li fl-atti proċesswali hemm ukoll dak li raw l-uffiċjali tad-dipartiment.

Illi l-liġi tirrikjedi l-preżenza ta' veterinarju għal ċertu qtil u dan biex l-annimal ma jsofrix tbatija għalxejn. Minkejja li t-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjoni huma xi ftit simili għal xulxin, huma mhumiex identiċi għal kollox. Kollha huma intiżi sabiex l-annimal ma jsofrix. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li tressqet xi prova dwar emerġenza dwar il-qtil li kien sar. Lanqas hemm prova li l-appellant Vincent Schembri huwa veterinarju jew għandu xi ċertifikat ta' kompetenza. Il-provi indizzjarji jsaħħu l-provi diretti u ma jħallu ebda ombra ta' dubju dwar il-ħtija tal-appellant Vincent Schembri fir-rigward tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni u dana salv l-assorbiment skont Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant Vincent Schembri.

Illi t-tielet aggravju tal-appellant Vincent Schembri huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Huwa jisħaq li l-piena qatt ma għandha sservi sabiex titpatta l-ħsara li tkun ġarrbet il-vittma u jagħmel riferenza għal ġurisprudenza. Jargumenta li l-piena mogħtija fil-konfront tiegħu hija waħda eċċessiva u dana in vista tal-fatt li l-fedina penali tiegħu hija waħda kważi netta.

Illi dwar dan l-aggravju, din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni dak li rriżulta lill-Uffiċjal tal-*Probation* Sharlet Fabri li ħejjiet *Social Inquiry Report* (Dok. "SF 1" – 107 *et seq.*) fil-konfront tal-appellant Vincent Schembri. Hija rriżultalha li l-appellant imsemmi għandu ħajja sempliċi u li l-bhejjem huma ħajtu. Tgħid li fil-fedina penali tiegħu jidhru att ta' każijiet li huma relatati max-xogħol jew mal-prodotti li joħorġu mill-istess xogħol u li huwa qatt ma kien detenut il-ħabs u ma kellux każijiet oħra pendenti barra dan.

Tisħaq li sa mis-sena 1966 huwa kien dejjem irreġistrat bħala raħħal u li huwa rtira fis-sena 2011 iżda xorta waħda baqa' jrabbi l-bhejjem għad-delizzju.

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li l-ewwel aggravju tal-appellant Vincent Schembri ġie milqugħ u meħud in konsiderazzjoni wkoll dak li rriżulta lill-Uffiċjal tal-*Probation* Sharlet Fabri, il-kooperazzjoni tal-appellant waqt l-ispezzjoni kif ukoll sussegwentement u kif ukoll dak li xehed Mario Pace quddiem din il-Qorti diversament preseduta, b'hekk din il-Qorti ser tilqa' t-tielet aggravju u għaldaqstant ser tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant Vincent Schembri.

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Tal-Appellant Giuseppi Schembri (*a fol.* 200 *et seq.*)**

Illi bħal fil-każ tar-Rikors tal-appell ta' Vincent Schembri, ir-Rikors tal-appell tal-appellant Giuseppi Schembri jibda b'sommarju ta' dak li qalu x-xhieda u qabel jelenka l-aggravji tiegħu, jagħmel l-istess sottomissjonijiet li jidhru fir-Rikors tal-appell ta' Vincent Schembri (hekk kif jidher f'paġna 9 *et seq.* ta' din is-sentenza) b'dan illi, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi għalihom u tirreferi wkoll għal dak li qalet hija fir-rigward tal-istess sottomissjonijiet li għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fil-konfront tal-appellant Giuseppi Schembri.

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant Giuseppi Schembri jirrigwarda apprezzament ħażin tal-provi u tal-liġi fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu. L-appellant Giuseppi Schembri jisħaq li l-unika prova hija l-fatt li l-fond mertu tal-proċeduri huwa f'ismu pero' jsostni li dan waħdu ma jwassalx sabiex hu jinstab ħati għax żgur huwa ma kellux il-*mens rea* meħtieġa biex iwettaq ir-reat in kwistjoni. Jisħaq li l-Qorti trid tara kienx hemm l-intenzjoni doluża għax hemm ċirkostanzi meta ma hemmx intenzjoni kriminuża għalkemm l-att huwa kiefer. Jgħid li la hemm *dolus* u lanqas *culpa* allura m'hemmx responsabilita' kriminuża. Jagħmel riferenza għal dak li jgħidu l-awturi f'dan ir-

rigward. Jargumenta li l-fatt waħdu li hu nstab fuq il-post mhux prova biżżejjed li hu huwa ħati li ma identifikax jew ma rreġistrax annimali.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-fond in kwistjoni qiegħed irreġistrat f'isem dan l-appellant. Għalhekk jinkombi fuqu li huwa jimxi ma' dak li tiddisponi l-liġi. L-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti messha daħlet fil-kwistjoni tal-*mens rea*. Dwar dan, din il-Qorti tinnota li hawn il-*mens rea* tirriżulta mill-att innifsu tan-nuqqas ta' reġistrazzjoni u tan-nuqqas ta' identifikazzjoni, fatt li jirriżulta mix-xiehda mogħtija mill-veterinarju Dr. Sergio Fiore li sab mogħoż u nagħaġ li mhux suppost kienu hemm waqt li mija u tliet (103) annimali kienu neqsin meta ċ-ċifri kienu mqabblin ma' dawk li d-dipartiment ikollu fid-*database*. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant Giuseppi Schembri qed ikun miċħud.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant Giuseppi Schembri huwa identiku għat-tieni aggravju tal-appellant l-ieħor Vincent Schembri. It-tieni aggravju huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u tal-liġi dwar l-imputazzjonijiet l-oħra. Jisħaq li m'hemmx prova li hu kkawża l-uġiegħ jew li l-annimali sofrew xi uġiegħ jew tbatija jew li hu kellu kontroll jew detenzjoni tal-post jew li l-qtil sar minnu jew li l-qtil tal-annimali sar b'mod illegali.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li l-appellant Giuseppi Schembri kien ilu li ħa *over* il-fond minn għand missieru sa mis-sena 2011 waqt li l-ispezzjoni saret fis-sena 2018 jiġifieri seba' snin wara. La l-fond kien irreġistrat fuq ismu jsegwi li huwa responsabbli ta' kull ma jiġri fih sakemm ma tinġiebx prova – fuq livell ta' bilanċ ta' probabilita' – li xi ħadd daħal *ad insaputa* tiegħu u qabad u qatel l-annimali. Din l-allegazzjoni ma saritx fl-atti proċesswali.

Illi din il-Qorti tisħaq li r-reġistrazzjoni ġġib magħha responsabilitajiet b'dan illi jirriżulta li dak li hemm fit-tieni (2), fit-

tielet (3), fir-raba' (4) u fil-ħames (5) imputazzjoni seħħ tassew u dana peress li jirriżulta mix-xhieda kemm okulari kif ukoll dokumentali. L-appellant jisħaq li ma ngħatax dritt ta' avukat iżda minn imkien ma jirriżulta mill-atti li hu għamel xi stqarrija lill-Pulizija jew li kien interrogat minn xi Pulizija. Il-Pulizija preżenti kienet hemm biex tassisti biss f'każ ta' inkwiet iżda inkwiet ma nqalax anzi ż-żewġ appellanti kkooperaw. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju wkoll.

Illi t-tielet aggravju tal-appellant Giuseppi Schembri (li huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti) huwa identiku għat-tielet aggravju tal-appellant l-ieħor Vincent Schembri għajr għal-fatt li fl-aggravju ta' Giuseppi Schembri jingħad li l-fedina penali tiegħu hija waħda kompletament nadifa. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ġie sottomess mill-appellant Vincent Schembri fit-tielet aggravju tiegħu.

Illi dwar dan l-aggravju, bħal fil-każ tal-appellant Vincent Schembri, din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni dak li rriżulta lill-Uffiċjal tal-*Probation* Sarah K. Bezzina li ħejjiet *Social Inquiry Report* (Dok. "SB 1" – 90 *et seq.*) fil-konfront tal-appellant Giuseppi Schembri. Hija rriżultalha li l-appellant Giuseppi Schembri dejjem ħadem bħala *self-employed* u qatt ma kien hemm xi vizzji. Tgħid li l-fedina penali tiegħu waħda netta u li ilu jaħdem mis-sena 2001 bħala *self-employed* fir-razzett tal-familja u li huwa jieħu ħsieb is-sezzjoni tal-baqar. Tgħid li hu kien attenda l-appuntamenti kollha mogħtija lilu.

Illi apparti dak li rriżulta lill-Uffiċjal tal-*Probation* Sarah K. Bezzina, fir-rigward tal-aggravju in eżami din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-fedina penali tal-appellant Giuseppi Schembri baqgħet waħda kompletament nadifa hekk kif jirriżulta mill-fedina penali li ġiet eżebita quddiem din il-Qorti kif preseduta. Din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni wkoll dak li xehed Mario Pace (l-uffiċjal fl-*Enforcement Unit* tad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji) quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, din il-Qorti ser

tilqa' t-tielet aggravju u għaldaqstant ser tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant Giuseppi Schembri, fost liema varjazzjoni din il-Qorti ser tirrevoka l-ordni tal-Ewwel Qorti dwar ir-revoka tal-permess maħruġ taħt ir-Regolamenti u konfiska, żamma u tneħħija tal-*corpus delicti* liema ordni saret *ai termini* ta' Regolament 16(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appelli mressqa mill-appellanti Vincent Schembri u Giuseppi Schembri u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant Giuseppi Schembri ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant Vincent Schembri ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant Vincent Schembri ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjara li mhux qed issib lill-appellant Vincent Schembri ħati tagħha u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-imputazzjoni msemmija;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ikkundannat kull wieħed mill-appellanti allura imputati sentejn priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal erba' (4) snin li jibdew għaddejjin millum;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-appellanti allura imputati multa kull wieħed minnhom ta' tletin elf Euro (€30,000) b'dan illi filwaqt li tikkundanna lill-appellant Vincent Schembri għal ħlas ta' multa ta' tmintax-il elf Euro (€18,000), tikkundanna lill-appellant Giuseppi Schembri għal ħlas ta' multa ta' għoxrin elf Euro (€20,000), liema multi huma pagabbli fi żmien massimu ta' tliet snin millum;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat ir-revoka ta' kwalunkwe permess maħruġ taħt ir-Regolamenti u l-konfiska, żamma u tneħħija tal-*corpus delicti* liema ordni saret *ai termini* ta' Regolament 16(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Liġijiet ta' Malta;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Finalment, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, spjegat lill-appellanti fi kliem ordinarju u bl-aktar mod ċar l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk iwettqu reat ieħor fi żmien erba' (4) snin millum u x'jiġri jekk jonqsu li jħallsu l-multa imposta fuqhom fiż-żmien lilhom mogħti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**